MDINA
*Città Notabile*

**Kunsill Lokali Mdina**

**MINUTI TAL-LAQGĦA NRU 1 TAS-SITT KUNSILL**

| | |
|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL |
| **DATA** | 7 ta' Lulju 2009 |
| **ĦIN** | 2.30pm |

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Kunsillier | Peter Sant Manduca |
| | Kunsillier | Frederick Azzopardi |
| | Kunsillier | Jane Attard |
| | Kunsillier | Joseph Debono |
| | Kunsillier | Camilla Scerri |
| | Segretarju | Noel Cini |

## 1.00 HATRA TA' SINDKU

1.01 Is-Segretarju stieden lill-Kunisllier Attard, bħala l-aktar Kunsillier anzjan fil-Kunsill Lokali ta' Mdina sabiex tmexxi l-bidu tas-seduta sabiex jinħatar is-Sindku, u dan skond l-Att dwar il-Kunsilli Lokali..

1.02 Il-Kunsillier Attard staqsiet lill-Kunsillier Peter Sant Manduca, li huwa l-Kunislleir li ġab l-għola ammont ta' voti ma' l-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-partit politiku li fl-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali li saru fis-6 ta' Gunju, kien kiseb il-maġġoranza assoluta tal-Kunsillieri fil-Kunsill ta' Mdina jekk jaċċettax il-kariga ta' Sindku ta' l-Imdina.

1.03 Il-Kunsillier Sant Manduca aċċetta din il-kariga u wara ffirma l-ittra ta' aċċettazzjoni ta' kariga ta' Sindku. Is-Sindku għamel intervent qasir fejn irringrazzja lill-Kunsill li kien għadu kif spiċċa u awgura ħidma b'risq il-lokalita` lill-Kunsill il-ġdid.

## 2.00 HATRA TA' VICI SINDKU

2.01 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier Joseph Debono, li huwa l-Kunsillier li ġab it-tieni l-akbar ammont ta' voti ma' l-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-partit politiku li fl-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali li saru fis-6 ta' Gunju, kien kiseb il-maġġoranza assoluta tal-Kunsillieri fil-Kunsill ta' Mdina jekk jaċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku ta' l-Imidna.

2.02 Il-Kunsillier Debono wieġeb li kien qed jaċċetta l-kariga ta' Viċi Sindku ta' l-Imdina u wara ffirma l-ittra ta' aċċettazzjoni ta' kariga ta' Viċi Sindku.

## 3.00 RESPONSABBILTAJIET TAL-KUNSILLIERI

3.01 Is-Sindku qal li huwa kien qed jipproponi li kif ġara fis-snin ta' qabel, il-Kunsillieri ma jingħatawx responsabbiltajiet speċifiċi.

3.02 Il-Kunsillier Azzopardi kif ukoll is-Segretarju nfurmaw lill-Kunsill li minħabba t-tibdil li kien ser isir fil-Liġi tal-Kunislli Lokali kull Kunsillier kellu jiġi assenjat b' numru ta' responsabbiltajiet. Għalhekk sar qbil li l-lista li kien diġa` ipprepara s-Segretaru tiġi ċirkolata ma' l-aġenda tal-laqgħa li jmiss u li r-responsabbiltajiet jiġu assenjat f' seduta oħra wara li tkun saret diskussjoni u qbil.

3.03 Wara dan kien deċiż mill-Kunsill li minħabba xi affarijiet urġenti li għandu quddiemu l-Kunsill, il-laqgħa għandha titkompla. Il-Kunsill iddeċieda wkoll li l-laqgħat, temporanjament, jibdew isir fit-3.00pm, u dan minħabba li dan kien ħin konvenjenti għall-Kunsillieri kollha.

## 4.00 OFFERTI 02/2009 u 03/2009

4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta żewġ schedules ta' l-offerti li kienu ntefgħu dwar Gbir ta' Skart Goff, Knis ta' Toroq, Hasil u Tindif ta' Bibien u Litter Bins u oħra dwar Gbir ta' Skart Domestiku.

4.02 Hawnhekk saret diskussjoni dwar il-prezzijiet kif ukoll dwar is-servizz li kien qed jintalab. Issemma l-fatt li għalkemm il-prezz mitfuh tal-kuntratturi preżenti kien ftit aktar għoli mill-ieħor xorta jibqa' l-fatt li l-kuntratturi preżenti kienu qed jagħmlu xogħol tajjeb, u kienu wkoll effiċjenti. Kien hemm il-fattur ukoll li dawn kienu ntrabtu li jinżamm prezz fiss għall-fuel matul l-erba' snin.

4.03 Is-Sindku għalhekk ippropona li jintgħżlu l-kuntratturi li fil-preżent kienu qed jagħtu s-servizz lill-Kunisll – Charles u Joseph Gauci. Din il-proposta kienet sekondata mill-Viċi Sindku u kien hemm qbil unanimu dwarha minn dawk preżenti. Għalhekk il-Kunsill għażel iż-żewġ offert mitfuha mis-Sinjuri Charles u Joseph Gauci.

## 5.00 KORRISPONDENZA

5.01 Ittra mill-Kunvent tal-Madonna tal-Karmnu dwar l-ispejjes involuti mal-festa. Il-Kunisll wara li ddiskuta din l-ittra qabel li jagħti donazzjoni ta' 200 euro b' risq il-festa.

5.02 Ittra mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b' Diżabilita` dwar ir-railing ta' l-injam mar-rampa ħdejn it-taraġ tal-Katidral. Il-Kunisll qabel li jinforma lis-Sur Camilleri li dan kien propjeta` privata u li dan jappartjeni lill-Kapitlu tal-Katidral.

5.03 Ittra mid-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Propjeta` dwar il-kamra ta' l-għodda fi Gnien Howard. Il-Kunsill qabel li jagħmel ittra formali sabiex din il-kamra tgħaddi f' idejn il-Kunsill.

5.04 Risposta mill-ADT dwar talba mill-Kunsill għal spazju ta' parkeġġ temporanju fi Triq il-Belt Valletta. Minħabba li din ir-risposta kienet fin-negattiv, il-Kunsill qed jitlob li ssir laqgħa ma' l-ADT dwar dan.

5.05 Email mid-Dipartimet tal-Gvern Lokali dwar il-ġemellaġġ bejn Zaragoza u l-Imidna. Il-Kunisllier inkarigat amenda l-ammonti kif maqbul.

5.06 Ittra mis-Sur Lawrence Farrugia dwar eżerċizzju li permezz tiegħu jitneħħew il-ħamiem li hawn itiru fl-Imdina. Il-Kunsill qabel li jaċċetta din l-offerta bil-kundizzjoni li dan jagħtina garanzija li dan l-eżerċizzju jkun 95% suċċess u li l-prezz jinżel għal 1,500 euro.

5.07 Ittra mill-Marana Tha Community dwar Candle Light Service f'Misraħ San Pawl nhar is-Sibt, 1 ta' Awwissu 2009. Il-Kunsill qabel li dawn jingħataw il-permess meħtieġ bil-kundizzjonijiet tas-soltu u sabiex dawn jikkoordinaw mal-pulizija minħabba l-għeluq tal-pjazza għat-traffiku.

**6.00 AFFARIJIRET OHRA**

6.01 Avviż mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar taħriġ għall-kunsillieri eletti f' Gunju 2009.

6.02 Gie diskuss ix-xogħol ta' tarmac fil-car park ta' ħdejn il-bandli u sar suġġeriment sabiex inkellmu lill-Perit Karmenu Farrugia dwar f' hiex wasal ix-xogħol minħabba li jidher li hemm bżonn li ssir applikazzjoni mal-MEPA.

6.03 Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lill-Kapitlu tal-Katidral u oħra lill-Kunvent tal-Madonna tal-Karmnu sabiex dawn ma jagħtux permess li jintefa' ross u konfetti waqt it-tigiejiet.

6.04 Isir Reminder lis-Sur Rodgers, Direttur inkarigat mill-latrini pubbliċi dwar tankijiet ta' l-ilma addizzjonali fuq il-latrini fi Gnien Howard.

6.05 Sar qbil li jinbeda x-xogħol fuq l-ifformular ta' żewġ bye laws – waħda dwar id-dħul tal-karozzini fl-Imidna u l-oħra dwar it-tfiegħ ta' ross u konfetti u tluq ta' ħamiem waqt tiġijiet.

6.06 Il-Kunsill qabel li jmexxi l-parkeġġ tal-blue sticker li hemm ħdejn il-mużew tal-katidral għal mal-ġenb tal-katidral u dan sabiex ikun aktar komdu għal min jagħmel użu minnu.

6.07 Il-Kunsill qabel li jistaqsu lill-Anton Zarb dwar xi tabelli biex jitpoġġew fuq is-swar sabiex ma jintefgħux oġġetti għal isfel.

6.08 Il-Kunsill qabel li jikteb lill-Maltapost sabiex isiru l-arranġamenti biex issir letter box temporanja sabiex dik preżenti tiġi restawrata u jitranġa wkoll il-ħajt.

6.09 Tinkiteb ittra lill-Prim Ministru, li huwa responsabbli mill-Gvern Lokali dwar l-inaċċessibbilta' tal-Kunisll tagħna u dwar il-proposta li l-Kunisll jingħata l-Banca Giuratale minflok. Din l-ittra kellha tiġi kkupjata lill-Onor Chris Said, lis-Sur Natalino Attard u lis-Sur Joe Camilleri.

6.10 Ittra lill-Heritage Malta dwar is-salib tal-ġebel li hemm fil-ġnien iż-żgħir quddiem id-daħla ta' l-Imidna.

6.11 Il-Kunsill qabel li għandha tinħareġ tender dwar it-Tindif ta' Toroq Mhux Urbani.

**7.00 APPROVAZZJONI TA' HLASIJET U WORKS ORDERS**

7.01 Is-Segretarju, fuq struzzjonijiet tas-Sindku ghamel ħlas ta' 400euro dwar xogħol ta' 10 stampi li ntużaw fl-attivita l-Ibliet lejn il-Majjistral li saret fil-Mellieħa.

7.02 Il-Kunsill approva t-tibdil ta' xi traffic signs fl-Imidna. Dawn is-signs ser isiru ġodda fuq 3 arbli tal-cast iron li kienu twaħħlu xi gimgħat ilu.

7.03 Il-Kunsill approva l-istima mibgħuta minn Anton Zarb dwar twaħħil ta' bollard quddiem id-Domus Ruman bil-prezz ta' 151.28euro.

7.04 Il-Kunisll approva wkoll żewġ listi ta' ħlasijiet għax-xhar ta' Gunju – waħda ta' ħlasijiet regolari, u oħra ta' ħlasijiet konnessi ma' l-attivita` Medieval Mdina.

**8.00 AGGORNAMENT**

8.01 Is-Seduta kienet aġġornata fl-4.00pm.

| | |
|---|---|
| Peter Sant Manduca | Noel Cini |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |